# *Mill-programm tal-Festa...*

## IL-ĦAMIS 18 TA' ĠUNJU

**Ħruġ min-niċċa**



Nistednukom niltaqgħu bi ħġarna nhar il-Ħamis 18 ta' Ġunju għall-ħruġ tal-istatwa għażiża ta' San Pietru u San Pawl. Dakinhar se ssir ġabra oħra speċjali għall-festa ta' ġewwa filwaqt li nkomplu nħeġġukom tkunu ġenerużi fil-ġabra li saret bieb bieb, billi twasslu l-envelopes tagħkom fil-knisja jew fl-uffiċċju parrokkjali. S'issa laħħaqna s-somma ta' €6,700. Nitolbukom tkomplu tgħinuna kif dejjem għamiltu. Grazzi kbira mill-qalb.

## IL-ĠIMGĦA 19 TA' ĠUNJU

**Ordinazzjoni Djakonali ta' Fabio Cini**



Is-seminarista Fabio Cini li qed iservi fil-parroċċa tagħna, ser jiġi ordnat djaknu mill-Isqof Anton fil-Katidral. Ejjew nawgurawlu u nitolbu għalih sabiex il-Mulej Alla jagħtih l-Ispirtu tal-qadi kif kien mogħni bih Ibnu Ġesù meta ġie fostna fis-sura ta' qaddej umli.

**Jum il-Familja**



Fl-istess mument, waqt li ħafna miż-żgħażagħ u l-abbatini tagħna ser ikunu preżenti fil-Katidral għall-ordinazzjoni ta' Fabio, billi hu kien jgħin fil-formazzjoni tagħhom, fil-Bażilika tagħna se jkun hawn il-quddiesa tan-Novena ddedikata għall-koppji li qed jiċċelebraw l-anniversarju taż-żwieġ tagħhom. Il-Quddiesa ser tkun immexxija minn Patri Martin Cilia u animata mill-kor tal-parroċċa. Wara l-quddiesa ser ikun hemm serata ta' divertiment għall-familji bit-tfal organizzata mill-Kunsill Lokali tagħna.

L-Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl tixtieq tavża lill-bdiewa li għandhom l-għelieqi l-Ġebel l-Aħmar biex jiġbru l-prodotti tagħhom qabel il-festa għax fil-jiem li ġejjin membri tal-għaqda se jkunu qed inaddfu l-għelieqi u jaħarqu xi ħaxix ħażin minn fejn jinħaraq in-nar. Hekk jitnaqqas il-periklu u l-ħsara. Napprezzaw il-koperazzjoni ta' kulħadd. Grazzi.

**Arranġamenti tal-ward**

Qed inkomplu niġbru d-donazzjonijiet għall-arranġamenti tal-fjuri tal-artal u quddiem l-istatwa ta' San Pietru u San Pawl. Tistgħu toffru €25 lil Mons. Salv Pace jew lill-Arċipriet. Jekk il-ġabra tkun ogħla mill-ispiża, id-donazzjonijiet tagħkom ser jintużaw biex inħallsu r-restawr tal-linef il-kbar li ser jibda fis-sajf. L-ismijiet tad-donaturi ser ikunu mniżżla fuq ktieb quddiem l-istatwa titulari. Nirringrazzjawkom bil-quddiem.

**Rivista Luminaria**

Matul dawn il-jiem se tasal għandna r-rivista Luminaria. Grazzi kbira lill-voluntiera kollha tal-bord editorjali tax-xogħol u d-dedikazzjoni tagħhom. L-impenn ma kienx wieħed ċkejken u nemmen li r-riżultat hu sabiħ u apprezzabbli.
Din is-sena sabiex niffaċilitaw ix-xogħol tal-voluntiera tagħna u nevitaw il-ħela, ser nitolbu lil kull min hu interessat, biex jiġbor kopja tar-rivista għalih jew għall-familjari tiegħu, direttament mill-uffiċċju parrokkjali jew dritt wara kull quddiesa tan-novena. Tkun ħaġa sabiħa jekk jirnexxilkom toffru donazzjoni ta' €5 li tgħinna ntaffu ftit mill-ispejjeż tal-printing. Grazzi kbira mill-qalb lill-kontributuri li offrewlna l-artikli u r-riċerka tagħhom. Għalhekk nistednukom taqrawha u tgħadduha anki lill-familjari tagħkom barra minn xtutna.

<u>Avviżi oħra:</u>

- Nhar il-Ħamis 18 ta' Ġunju l-Għaqda Dun Franġisk Grima ser torganizza dawra bit-train. Niltaqgħu fil-Pjazza fid-9.30am. Aħsbu għall-biljetti. Ċemplu lil Tonina 21553041/79923153 jew lil Ġuża 21552326/99228906.
- Infakkrukom li nhar il-**Ġimgħa 19 u s-Sibt 20 ta' Ġunju fil-Quddies tal-5.00pm** se jkun hemm Ċelebrazzjoni taż-Żwieġ.
- Fil-Quddiesa tan-Novena tas-**Sibt 20 ta' Ġunju fis-7.00pm** ser niċċelebraw il-25 Anniversarju tas-Saċerdozju ta' Mons. Joseph Grech.
- Il-Quddiesa tan-Novena ta' Jum iż-Żgħażagħ il-Ħadd 21 ta' Ġunju se tkun animata miż-żgħażagħ u **tibda fis-6.00pm**, mhux fis-7.00pm.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.00am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am